MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 220/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta assikuratrici estera Cgu Insurance Plc. Kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Borg**

**vs**

**Joseph Spiteri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici illi:

1. Il-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-27 ta' Awissu, 1998, f'San Giljan meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura Nru. DAB 693, minhabba negligenza, mprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mall-vettura numru IAB 725 proprjeta' ta' assikurat ta' l-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm294.82) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm14), ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Arpril, 1999, u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-7 ta' Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.